MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 51/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pietru Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Pietru Galea talli fil-11 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tal-11.30 ta’ filghodu fi Triq Gennewija, Ghaxaq bl-imgieba tieghu kkaguna lil Alfred Mamo biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuni jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti tieghu jew dixxendenti, ahwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-Art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz li ssib lill-imsemmi Pietru Galea hati tapplika l-Art. 383 ghas-sigurta` ta’ Alfred Mamo;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Pietru Galea hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u, wara li rat l-artikolu 251B(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu multa ta’ elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Pietru Galea pprezentat fl-24 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba. Jghid li hu ma kkommettiex il-fatt illi huwa akkuzat bih u huwa inveritjer dak li allega Alfred Mamo. Skond l-appellant, tant dak li allega Alfred Mamo ma jaghmilx sens illi kieku kien il-kaz li l-appellant, xwejjah ta’ 70 sena, dahal id-dar bil-pass biex igib is-senter, Alfred Mamo, li kien qieghed isuq karozza, kien jibqa’ ghaddej bil-karozza ghall-affari tieghu bla inkwiet ta’ xejn. L-appellant isostni illi kull ma ghamel kien li ghalaq il-bieb ta’ daru u ghamel sinjal istintiv b’idejh – li kumbinazzjoni kien qed izomm senter fih – biex is-sewwieq tal-vettura jghaddi bil-mod u b’kawtela.

Il-verzjoni li l-appellant jaghti fir-rikors ta’ appell tieghu naturalment tikkontrasta ma’ dik ta’ Alfred Mamo. Izda hija verzjoni li l-appellant ma tax quddiem l-ewwel Qorti peress illi wara li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li m’ghandhiex aktar provi, saret dikjarazzjoni mid-difiza illi “m’ghandhiex xhieda”. Jigifieri l-appellant (allura imputat), li kien patrocinat minn difensur differenti minn dak odjern, kien ghamel ghazla koxjenti biex ma jixhidx. Ghalhekk l-unici provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienu dawk tal-

prosekuzzjoni konsistenti f'affidavit ta' P.S. 1386 A. Agius u x-xiehda ta' Alfred Mamo.

P.S. 1386 Agius fl-affidavit tieghu jghid illi fil-11 ta' Ottubru 2008 ghall-habta ta' nofsinhar kien mar Alfred Mamo l-ghassa taz-Zejtun jirrapporta li waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu kien ra lill-appellant fin-nofs tat-triq u kif rah l-appellant ghadda xi kumment li Mamo ma semax sew. Wara li Galea kien dahal id-dar u gab arma fil-cover, Mamo saqsih jekk riedx xi haga, l-appellant urih l-arma u qallu bir-rabja "Mur. Mur." Mamo hassu mhedded b'dik il-mossa u kien ghalhekk  li ghamel ir-rapport. L-appellant instab mill-Pulizija l-ghalqa tieghu bis-senter ghall-kacca u ttiehed l-ghassa fejn qal lill-Pulizija li l-parti tat-triq fejn joqghod hija dejqa hafna u sikwit jghaddu vetturi bi speed eccessiv. Dakinhar kien ra lil Alfred Mamo gej bil-van tieghu bi speed eccessiv u qallu biex jghaddi minn hemm bil-mod. Dak il-hin kien sejjer l-ghalqa bis-senter u nnega li hedded lil Mamo bih.

Alfred Mamo xehed illi kien ghaddej mit-triq u l-appellant kien wieqaf ihares lejn il-faccata tad-dar tieghu. Huwa waqaf, l-appellant rah, qallu xi haga, ghadda u rega' rriversja u saqsih jistax jghaddi minn dik it-triq ghax kull meta jghaddi minn hemm u l-appellant jarah, l-appellant jghidlu xi haga. Hekk kif ix-xhud saqsih jistax jghaddi minn hemm, l-appellant qallu "Ija, ija, zomm wahda." L-appellant dahal id-dar, rega' hareg wara ghaxar jew ghoxrin sekonda b'senter gol-cover f'idejh u qal lix-xhud "Mhux ahjar tmur?" Ix-xhud telaq u mill-mera jara lill-appellant jaghmillu l-mossi li wera lil din il-Qorti bis-senter. Ix-xhud qal li telaq ghax beza' meta ra lill-appellant bis-senter. In kontro-ezami qal li huwa ma baqax sejjer ghax ried jara ghalfejn kull darba li jew hu jew il-lavranti tieghu jghaddu minn hemm l-appellant jghid xi haga.

Kif diga` ntqal, l-appellant ma xehedx u l-verzjoni tieghu ta' dak li gara tirrizulta biss minn dak li stqarr mal-Pulizija. Pero` ma jistax jitqies kredibbli peress illi huwa jallega li Alfred Mamo kien gej bi speed eccessiv meta mir-ritratti esebiti jidher car illi hemm *traffic calmer* proprju ftit piedi biss mir-residenza tieghu. Barra minn hekk meta tkellem

mal-Pulizija u qal li mill-post sikwit jghaddu vetturi bi speed eccessiv, deher li kien qieghed jipprova jiggustifika l-agir tieghu. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament li ghamlet tal-provi, u cioe` li Alfred Mamo kellu jitwemmen.

Kwantu ghall-piena, l-artikolu 251B(1) jipprovdi ghal piena ta' "prigunerija ghal zmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75) u mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87), jew dik il-multa u prigunerija flimkien." Jigifieri l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet taht il-*minimum* stabbilit mil-ligi. Ghalhekk mhux il-kaz li jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------